Avviz Numru CCT 444/11/GZ

**Maru u Francis Grima**

**vs**

**Horizon 2000/SJM Computers Ltd.**

Illum 15 ta' Frar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija u hames Ewro (€105.00), rapprezentanti l-prezz ghal xoghol ta' tiswija fuq computer, liema computer baqa' ma jahdimx sew.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' ma attendietx ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Kienet hadet computer ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija fit-23 ta' Marzu 2011, ghal liema tiswija kienet hallset sittin Ewro (€60.00), pero' l-computer kien baqa' kif kien bil-hsara. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienet cemplet lis-socjeta' ntimata, li kienet qaltilha terga' tiehu l-computer lura ghandha. Wara xi gimgha, ir-rikorrenti kienet marret tigbor il-computer u s-socjeta' ntimata regghat talbitha hamsa u sittin Ewro (€65.00). Meta r-rikorrenti marret id-dar hija ndunat li l-computer kien baqa' bil-hsara, anzi kien aghar ghaliex ma baqax jittajpja. Ir-rikorrenti regghat cemplet lis-socjeta' attrici, fejn impjegat ta' l-istess kien qalilha li kien se jigi jarah il-computer. L-impjegat fil-fatt kien mar id-dar ghand ir-rikorrenti sabiex jara l-imsemmi computer, u reggha hadu ghat-tiswija. Wara xi gimghatejn, ir-rikorrenti marret tigbor il-computer ghaliex hadd ma kien cemplilha mis-socjeta' ntimata, u l-istess socjeta'

regghat talbitha thallas l-ammont ta' tmenin Ewro (€80.00) sabiex issewwi l-computer. Ir-rikorrenti ma accettatx thallas biex wara kollox lanqas biss kienu sewwewh il-computer u ghalhekk haditu ghand haddiehor ghat-tiswija.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'din it-tiswija, stante li d-difett reggha hareg kull darba li l-computer kien allegatament gie msewwi mis-socjeta' ntimata, u li ghalhekk kienet hallset dak il-flus lis-socjeta' ntimata ghal xejn.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuti ghall-ammonti li hallset lis-socjeta' ntimata sabiex isewwulha l-computer, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok.MG1 u Dok.MG2.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi fl-ewwel lok l-ewwel tiswija saret u sar il-hlas ghas-servizz. Pero' t-tieni darba li r-rikorrenti giet biex issewwi l-computer kien jehtieg xoghol iehor gdid li ma kienx nghata mat-tiswija li rcieva l-ewwel darba u r-rikorrenti ma rieditx.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub. Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' l-ircevuti ghall-ammonti li hallset lis-socjeta' ntimata sabiex isewwulha l-computer, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok.MG1 u Dok.MG2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u hames Ewro (€105.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**